## Qorti tal-Maġistrati (Malta)

# RIK NRU 95/2024: **ISD COMPANY LIMITED (C67005) V. RAISE FIELDS LIMITED (C38089)**

(AMMONT DOVUT – AMMISSJONI)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**18 ta' Novembru 2024**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' ISD Company Limited (hawn imsejjħa "ir-rikorrenti" jew "il-kumpanija rikorrenti") ippreżentat fit-13 ta' Mejju2024[1] li permezz tiegħu talbet lil Raise Fields Limited (hawn imsejjħa "l-intimata" jew "il-kumpanija intimata") sabiex tidher fid-data appuntata għas-smiegħ u tgħid 'l għaliex m'għandhiex tiġi kkundannata mill-Qorti illi:

> **'tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' tnax-il elf u erbgħin euro (€ 12,040) rappreżentati bilanċ ta' prezz dovut minnha għax-xiri u installazzjoni ta' sistema ta' *solar panels* mis-soċjetà attriċi, liema somma naqset milli tħallas lis-soċjetà attriċi nonostante illi ġiet interpellata diversi drabi.**
>
> **Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali 166A u l-mandat ta' sekwestru relattivi, kontra s-soċjetà intimata li hi minn issa nġunta in subizzjoni'**

wara li rat li bl-Ordni tagħha tal-14 ta' Ġunju 2024[2] maħruġa skond l-Art. 173(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti *inter alia* ordnat lill-intimata sabiex tippreżenta r-risposta tagħha u jekk ikun il-każ, kontrotalba, fi żmien għoxrin ġurnata min-notifika

---

[1] Fol 1
[2] Fol 3-4

lilha tar-rikors u tal-Ordni u inoltre appuntat il-kawża għall-provi tar-rikorrenti għall-4 ta' Novembru 2024,

wara li rat li l-intimata ġiet notifikata bir-rikors promotur u bl-Ordni msemmija inkluż l-avviż tas-smiegħ fit-22 ta' Ġunju 2024[3],

wara li rat illi l-intimata baqgħet ma daħħlet l-ebda risposta fit-terminu prefiss lilha,

wara li rat li fis-seduta tal-4 ta' Novembru 2024 l-intimata ma dehrietx u ġie ppreżentat mir-rikorrenti bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti kapitolu għas-subizzjoni tal-istess intimata[4],

wara li rat li fil-15 ta' Novembru 2024 l-intimata ppreżentat risposta[5] li permezz tagħha eċċepiet is-segwenti:

> **'1. Illi l-ammont kif mitlub mis-soċjetà rikorrenti fl-avviż mhux dovut;**
>
> **2. Illi s-soċjetà intimata vversat pagament ta' Eur 3,000 permezz ta' trasferiment bankarju nhar l-1 ta' Marzu 2024 u ċioe qabel il-ftuħ tal-proċeduri odjerni, kopja tal-imsemmi trasferiment qegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala "Dok A";**
>
> **3. Illi in oltre s-soċjetà intimata fil-mori tal-kawża għamlet trasferiment bankarju ieħor fis-somma ta' Eur 2,000, kopja tal-imsemmi trasferiment qegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala "Dok B";**
>
> **4. Illi għalhekk l-ammont dovut mis-soċjetà intimata lis-soċjetà rikorrenti huwa dak ta' Eur 7,040"**

wara li rat illi fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2024 il-kumpanija rikorrenti formalment iddikjarat tramite l-avukat difensur tagħha illi kienet qed tirriduċi s-sorte għal € 7,040[6],

wara li rat illi fl-istess seduta l-avukati rispettivi ddikjaraw illi kienu qed jaqblu illi fir-rigward tal-ispejjeż tal-kawża, l-ispejjeż fir-rigward tal-ewwel tlett elef euro (€ 3,000) tas-somma oriġinalment pretiża ta' € 12,040 għandhom jiġu ssopportati mill-kumpanija rikorrenti, filwaqt li l-ispejjeż fir-rigward tal-bqija tal-ammont għandhom jiġu ssopportati mill-kumpanija intimata,

wara li rat l-atti proċesswali,

qed tagħti din is-

## Sentenza

[3] Fol 8 wara
[4] Fol 9-10
[5] Fol 12-14
[6] Fol 11

1. Ir-rikorrenti fetħet il-kawża sabiex titlob mill-intimata s-somma ta' € 12,040 rappreżentanti bilanċ ta' prezz ta' sistema ta' *solar panels* mibjugħa lill-intimata, liema bilanċ baqa' ma tħallasx. Intalbu ukoll l-ispejjeż u l-imgħax legali.

2. L-intimata, notifikata skond il-liġi, baqgħet ma' daħħlet l-ebda risposta u ma dehritx għall-ewwel seduta.

3. Fis-seduta tal-4 ta' Novembru 2024 l-intimata ma dehrietx u ġie ppreżentat mir-rikorrenti bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti kapitolu għas-subizzjoni tal-istess intimata[7]. Fil-kapitolu, ir-rikorrenti talbet lill-intimata '*tipprova bil-ġurament li hija debitriċi tar-rikorrenti fis-somma u għar-raġunijiet indikati fir-rikors*'. Il-kawża imbagħad tħalliet għas-subizzjoni tal-intimata għal-lum 18 ta' Novembru 2024.

4. Ġara illi fil-15 ta' Novembru 2024 l-intimata daħħlet risposta[8] li permezz tagħha filwaqt li għamlet riferenza għal żewġ pagamenti ta' € 3,000 u € 2,000, li saru fl-1 ta' Marzu 2024 (ċioe qabel il-ftuħ tal-kawża odjerni) u riċentement fil-mori, iddikjarat illi l-ammont dovut lir-rikorrenti m'huwiex dak mitlub ta' € 12,040 iżda ta' € 7,040.

5. Fis-seduta tal-lum, r-rikorrenti formalment irriduċiet is-sorte għal € 7,040 u l-partijiet talbu li l-kawża tiġi deċiża wara qbil li ġie reġistrat fl-atti dwar kif għandhom jiġu spartati l-ispejjeż.

6. Fid-dawl ta' din ir-riduzzjoni, ir-raba' eċċezzjoni ma tistax ħlief titqies ammissjoni u għalhekk fuq l-iskorta tal-massima *confessio facta in judicio omni probatione major est* it-talbiet tar-rikorrenti jirriżultaw ġustifikati u jimmeritaw konferma.

**Deċiżjoni**

7. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiddisponi minn din il-kawża billi tilqà t-talbiet tal-kumpanija rikorrenti b'dan illi:**

    1. **Tiddikjara illi l-kumpanija intimata hija debitriċi tal-kumpanija rikorrenti fis-somma ta' sebat elef u erbgħin euro (€ 7,040) rappreżentanti bilanċ ta' prezz ta' sistema ta' *solar panels* mibjugħa lill-intimata, liema bilanċ baqa' ma tħallasx.**

---

[7] Fol 9-10
[8] Fol 12-14

2. **Tikkundanna lill-kumpanija intimata tħallas dan l-ammont lill-kumpanija rikorrenti bl-imgħax bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena dekoribbli mis-26 ta' Frar 2024 sad-data tal-effettiv pagament.**

**L-ispejjeż jiġu spartati kif ġej:**

- **fir-rigward ta' dawk li għandhom x'jaqsmu mal-kawża, l-ispejjeż fir-rigward tal-ewwel tlett elef euro (€ 3,000) tas-somma oriġinalment pretiża ta' € 12,040 għandhom jiġu ssopportati mill-kumpanija rikorrenti, filwaqt li l-ispejjeż fir-rigward tal-bqija tal-ammont għandhom jiġu ssopportati mill-kumpanija intimata,**

- **fir-rigward tal-ispejjeż tal-ittra uffiċjali ppreżentata ai termini tal-Art. 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta fil-21 ta' Frar 2024 (bin-numru uffiċjali 432/2024) u dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju ppreżentat fil-21 ta' Frar 2024 (bin-numru uffiċjali 393/2024), dawn ikunu a kariku tal-kumpanija intimata.**

| | |
|---|---|
| V.G. Axiak | Y.M. Pace |
| Maġistrat | Dep. Reġistratur |